# L-ISKRITTURA MQADDSA U D-''DIVINA COMMEDIA'' TA' DANTE ALIGHIERI

*Ta'* LAWRENCE R. SCHIAVONE

(*Jissokta mill-Harġa ta' Marzu*, 1965)

## IL-PURGATORJU

### MA' DWAR IL-MUNTANJA IEBSA TAL-PURGATORJU

Wara l-ħarġa tiegħu mill-infern Dante jħossu jieħu r-ruħ. Mhux aktar biki, twerżiq, għajat ta' disperazzjoni, mhux aktar dlam, kruha, dehriet tal-biża', imma l-ħlewwa ta' għodwa sabiħa msebbħa bid-dawl tax-xemx. Kollox juri li qegħdin qrib il-muntanja tal-Purgatorju; madwarha jinsabu l-erwieħ ta' dawk li niedma minn dnubiethom intelqu f'ħajjithom fil-ħniena t'Alla u issa jixtiequ biss li jitnaddfu mit-tebgħat li fihom ħalla d-dnub biex ikunu jistgħu fl-aħħar imorru jgawdu 'l Alla għal dejjem fis-sema.

M'hemmx bżonn ngħidu, fil-Purgatorju ma nsibux erwieħ qaddisa li magħhom niltaqgħu fil-qari ta' l-Iskrittura, imma wkoll ħarsa ċkejkna turina kemm il-poeta kellu f'moħħu l-Kotba Mqaddsa meta ġie biex ikanta l-Purgatorju, fejn ruħ il-bniedem titnaddaf biex ikun jistħoqqilha titla' fil-glorja tas-sema. Mix-xatt tal-gżira tal-Purgatorju fejn jiġu milqugħa mix-xwejjeħ Katoni sal-quċċata tal-muntanja fejn Dante jkollu x-xorti li jara għaddejja minn quddiemu l-proċessjoni tal-għaġeb li turi l-istorja u r-rebħa tal-Knisja Mqaddsa, insibu għadd sabiħ ta' ħsebijiet u xbihat li Dante jieħu mill-Iskrittura biex iqegħdilna quddiemna bħala eżempji ta' ħajja qaddisa biex nimxu fuqhom jew ta' ħażen li għandna naħarbu.

Kif iż-żewġ Poeti jsibu ruħhom fix-xatt tal-gżira bla ma jafu xi triq sejrin jaqbdu, jaraw riesqa lejhom ħafifa fuq il-baħar dgħajsa mmexxija mill-anġlu t'Alla; fiha jinsabu xi erwieħ ta' dawk li mietu fil-ħbiberija t'Alla u li fil-Purgatorju jeħtiġilhom jissaffew mill-ħtijiet żgħar tagħhom b'tama sħiħa u qawwija li għad jaraw 'l Alla. Huma ħelsu mill-jasar tad-dnub il-mejjet kif darba l-Lhud ħelsu mill-jasar ta' Fargħuni, u għalhekk

*"In exitu Israel de Aegypto"*
*cantavan tutti insieme ad una voce*
*con quanto di quel salmo è poscia scripto.*

(Purg. II 46-48).

Dante hawn jibda vjaġġ ta' tbatija mhux żgħira li fih, biex jasal fil-bieb tal-Purgatorju, irid jitħabat u jixxabbat mal-blat tal-għolja u mhux darba u tnejn ikun sejjer jaqta' qalbu li kieku Virġilju ma jqawwilux qalbu bi kliem ta' mħabba ta' missier. It-triq tal-penitenza mhix ħafifa; trid tkun rieda qawwija u fehma soda biex nirbħu t-tfixkil li miegħu niltaqgħu fil-ħajja. Ħafna erwieħ ikellem Dante qabel ma jsib ruħu fil-bieb tal-Purgatorju mgħasses mill-anġlu. Fost dawn l-erwieħ, igħidilna l-poeta,

*venivan genti innanzi a noi un poco,*
*cantando "Miserere" a verso a verso.* (Purg. V 23-24)

Huma dawk li ġew maħsuda għal għarrieda mill-mewt u li nidmu fl-aħħar ħin ta' ħajjithom, u għalhekk iridu joqogħdu barra mill-Purgatorju tant snin daqs kemm għexu fuq l-art.

Wara raqda tqila fil-wied miksi fjuri tal-Antipurgatorju, Dante jistenbaħ u jsib ruħu bla ma jaf kif quddiem id-daħla tal-Purgatorju. Hawn l-anġlu t'Alla li qiegħed igħasses il-bieb, qabel iħallih jidħol ġewwa, iwissih biex flimkien ma' l-erwieħ li magħhom kien sejjer jiltaqa' jitnaddaf minn ħtijietu b'qalb sogħbiena u marbuta marrieda t'Alla. Il-poeta jintefa' f'riġlejn l-anġlu, jistqarr dnubietu u jitlob li jkun jista' jissokta l-vjaġġ tiegħu fit-triq ta' vera ndiema. Kif jaqbeż l-għatba ma' Virġilju, Dante jisma' l-kant tat-*Te Deum laudamus*, innu ta' ringrazzjament għad-daħla ta' ruħ niedma fil-Purgatorju.

Nistgħu ngħidu li fit-tieni Kantiku tad-Divina Commedia, il-poeta jmur jiġbor fil-qasir imma b'mod ta' l-għaġeb il-ħajja umli, safja, qaddisa tal-Madonna, omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama ta' dawk kollha li sogħbiena jitolbu l-maħfra t'Alla.

Kif jibda t-triq tal-penitenza madwar l-għolja tal-Purgatorju, Dante jilmaħ minquxin fil-blat samm tal-muntanja, b'sengħa wisq akbar minn dik ta' l-istess natura, ġrajjiet ta' umiltà meħudin mill-Kotba Mqaddsa. Marija li tilqa' l-aħbar hekk kbira ta' l-anġlu Gabrijiel u tistqarr ruħha qaddejja tal-Mulej; is-sultan David li jagħti ġieħ lill-Arka Mqaddsa u jrodd ħajr 'l Alla. Fil-ġmiel u l-ħlewwa tal-poeżija ma nistgħux ma narawx ir-reqqa u s-sengħa artistika tal-poeta u l-qawwa li kellha fuqu l-kelma ħajja ta' l-Iskrittura. Tassew skolpita nistħajluha l-ġrajja ta' l-Annunzjazzjoni fil-versi ta' l-Alighieri:

*L'angel che venne in terra col decreto*
*de la molt'anni lacrimata pace,*
*ch'aperse il ciel del suo lungo divieto,*

*dinanzi a noi pareva si verace*
*quivi intagliato in un atto soave,*
*che non sembiava imagine che tace.*
*Giurato si saria ch'el dicesse "Ave!";*
*perchè iv'era imaginata quella*
*ch'ad aprir l'alto amor volse la chiave;*
*e avea in atto impressa esta favella*
*"Esce ancilla Dei", propriamente*
*come figura in cera si suggella.* (Purg. X 34-45)

F'dan l-ewwel "girone" tal-Purgatorju jinsabu jpattu għal ħtijiethom l-erwieħ ta' dawk li f'ħajjithom kienu mkabbra bihom infushom. Dante jarahom mexjin bil-mod taħt ġebel kbir u magħhom igħid it-talba sabiħa tal-*Pater noster* li Ġesù jgħallimna fil-Vanġelu. Barra minn dan iridu wkoll jaraw l-eżempji ta' umiltà li semmejna, kif ukoll eżempji ta' kburija mrażżna: il-waqgħa ta' Luċifru, il-konfużjoni ta' Nembrot, il-mewt tas-sultan Saul, il-ħarba ta' Roboamo, il-qtil ta' Sennakerib mill-istess uliedu, u l-mewt kerha ta' Oloferni. Dante jitħassar lil Saul meta quddiem il-ġrajja ta' niket ta' dan is-sultan jieqaf imħasseb:

*O Saùl, come in su la propria spada*
*quivi parevi morto in Gelboè,*
*che poi non sentì pioggia nè rugiada!* (Purg. XII 40-42)

Kerha wkoll il-mewt ta' Oloferni li l-poeta jieħu mill-Ktieb ta' Ġuditta: Il-poeta igħidilna,

*Mostrava come in rotta si fuggiro*
*li Assiri, poi che fu morto Oloferne,*
*e anche le reliquie del martiro.* (Purg. XII 58-60)

Mill-ewwel "girone" Virġilju u Dante jgħaddu fit-tieni fejn l-erwieħ għajjura qegħdin jitnaddfu mit-tebgħat li ħalla fihom dan il-misħut vizzju. Għadhom jinstemgħu f'widnejh il-kelmiet ħelwin "Beati pauperes spiritu" li nstemgħu huwa u ħiereġ mill-ewwel "girone", meta jisma' fl-arja li jfakkru fil-ħniena li ħasset il-Madonna għall-għarajjes ta' Kana meta naqashom l-inbid:

*La prima voce che passò volando,*
*"Vinum non habent" altamente disse;*
*e dietro a noi l'andò reiterando.* (Purg. XIII 28-30)

Flimkien ma' Dante dan il-leħen jisimgħuh ukoll l-erwieħ ta' dan il-"girone" biex ifakkarhom fis-sbuħija tal-virtù tal-karità. Qabel ma l-poeta jitla' fit-tielet "girone" tinstema' l-għajta ta' Kajjin għajjur ta' ħuh u qattiel tiegħu:

"*Anciderammi qualunque m'apprende*". (Purg. XIII 133)

Huwa u ħiereġ mit-tieni "girone" biex ikompli tiela' 'l fuq mal-muntanja Dante jisma' l-anġlu jkanta t-tifħir ta' Ġesù lil dawk ta' qalb ħanina: *Beati misericordes.*

Wara li Virġilju jħoll xi dubbji li jidħlu f'moħħ il-poeta tagħna dwar xi kliem li tkun qaltlu ruħ tal-Purgatorju, Dante jsib ruħu fil-wita tat-tielet "girone". F'daqqa waħda jiġi meħud f'estasi ta' ħlewwa liema bħalha:

*Ivi mi parve in una visione*
*estatica di subito esser tratto,*
*e veder in un tempio più persone;*
*ed una donna, in su l'entrar, con atto*
*dolce di madre dicer: "Figliuol mio,*
*perchè hai tu così verso noi fatto?*
*Ecco, dolenti, lo tuo padre e io*
*ti cercavamo".* (Purg. XV 85-92)

Ninsabu fost l-erwieħ li fid-dinja mhux dejjem urew sabar fin-niket tagħhom u ġew xi drabi meta dinbu kontra l-virtù tal-manswetudni. Mill-ġdid il-poeta jqegħdilna quddiem għajnejna episodju ieħor mill-ħajja qaddisa tal-Madonna; mill-ġdid fl-Omm ta' Ġesù aħna l-insara nsibu mudell ta' tjubija tal-qalb, ta' sabar fin-niket, ta' rabta sħiħa mar-rieda t'Alla. Helwin, kif qegħdin naraw, huma l-kelmiet ta' Marija kif insibuhom fil-Vanġelu li Dante jsawwar fil-versi sbieħ tiegħu. Imma mhux inqas sbieħ huma l-versi danteski li bihom hu jmur ikanta l-martirju ta' S. Stiefnu li minnu jitkellmu l-Atti ta' l-Appostli. S. Stiefnu kien l-ewwel qaddis li bil-fatti mexa fuq it-tagħlim ta' l-Imgħallem Divin:

*Poi vidi genti accese in foco d'ira,*
*con pietre un giovinetto ancider, forte*
*gridando a sè pur: "Martira, martira!"*
*e lui vedea chinarsi, per la morte*
*che l'aggravava già, inver la terra,*
*ma de li occhi facea sempre al ciel porte,*

*orando a l'alto Sire, in tanta guerra,*
*che perdonasse a' suoi persecutori,*
*con quello aspetto che pietà diserra.* (Purg. XV 106-114)

Dawn id-dehriet ikollhom ukoll l-erwieħ li jinsabu f'din il-wita biex iħeġġuhom jersqu iżjed lejn Ġesù li fih issa jaraw l-"Agnus Dei". Eżempji ta' korla mrażżna, imbagħad, juru lil dawn l-erwieħ kemm hu ikreh dan il-vizzju. Din id-darba l-poeta jislet mill-Ktieb ta' Ester il-kastig li mess lil Aman, ministru tas-sultan Assweru, talli fil-korla tiegħu fittex li jeqred lill-poplu t'Alla:

*Poi piovve dentro a l'alta fantasia*
*un, crucifisso dispettoso e fero*
*ne la sua vista, e cotal si moria:*
*intorno ad esso era il grande Assuero,*
*Ester sua sposa e 'l giusto Mardocheo,*
*che fu al dire e al far così intero.* (Purg. XVII 25-30)

Imwissi minn dawn id-dehriet u mgħallem mit-tbatija li fiha jinsabu dawn l-erwieħ, Dante jħossu niedem minn kull għemil ħażin ta' korla u għalhekk, flimkien ma' Virġilju, jiġi mistieden mill-anġlu biex jitla' fir-raba' "girone" fil-waqt li dan ikanta l-kelmiet ħelwa ta' "Beati pacifici".

Hawn il-poeta jieqaf jistrieħ għax iħoss riġlejh għajjiena, u jitlob lil Virġilju jfissirlu fejn qegħdin. It-twajjeb Virġilju, missier u mgħallem tiegħu, ifiehmu fost ħwejjeġ oħra kif l-erwieħ fil-Purgatorju huma mqassmin skond il-ħtijiet tagħhom fuq din l-art; minn dawn il-ħtijiet issa jeħtiġilhom jitnaddfu qabel ma jitilgħu ħdejn Alla. Hawn fir-raba' "girone" il-poeti jsibu l-erwieħ li naqsu minn dik il-ħerqa li d-dmir tagħhom kien jitlob minnhom. Dante jisma' tnejn minn dawn l-erwieħ li jgħajtu eżempji ta' bżulija, ta' ħeġġa u ta' mħabba waqt li huma mġegħlin jiġru madwar l-għolja tal-Purgatorju. Il-poeta jerġa' jġibilna quddiemna lil Marija Santissma bħala mudell ta' din il-ħeġġa lejn Alla u lejn il-proxxmu meta wara li l-anġlu t'Alla kien ħabbrilha li kellha tkun omm Ġesù fittxet li tmur iżżur lill-qariba tagħha Eliżabetta biex ittarfilha l-aħbar sabiħa tal-maternità tagħha:

"*Maria corse con fretta a la montagna.* (Purg. XVIII 100)

Mil-banda l-oħra, bħala eżempju ta' għażż fil-ħwejjeġ t'Alla, Dante jsemmilna l-kastig li mess lil-Lhud talli wara l-ħelsien tagħhom mill-art ta' l-Eġittu tnikkru fid-deżert u ma daħlux fl-Art Imwegħda. Waħda mill-erwieħ tfakkar dan il-kastig lill-oħrajn:

*"Prima fue*
*morta la gente a cui il mar s'aperse,*
*che vedesse Iordan le rede sue".* (Purg. XVIII 133-135)

Wara raqda u ħolma twila, il-poeta jistenbaħ u jisma' l-anġlu għassies ikanta "Imberkin dawk li jibku għax ikunu ikkunslati". Jifhem li l-ħin sar biex jitla' fil-ħames "girone" fejn jinsabu dawk li fid-dinja dinbu mħabba x-xeħħa jew it-tberbiq tagħhom fil-pjaċiri tad-dinja. Billi f'ħajjithom ma ħarsux lejn is-Sema fejn jinsab il-veru ġid tal-bniedem, issa qegħdin b'idejhom u b'riġlejhom marbuta u b'wiċċhom fl-art. Dante jħoss ħniena minn dawn l-erwieħ; jisma' waħda minnhom imbikkija tfakkar lil sħabha fil-faqar ta' Marija fil-għar ta' Betlem biex theġġiġhom fl-imħabba tal-virtù sabiħa tat-tama f'Alla: *"Dolce Maria*

*....................povera fosti tanto,*
*quanto veder si può per quello ospizio,*
*dove sponesti il tuo portato santo".* (Purg. XX 22-24)

Bħala eżempji ta' xeħħa li Alla mar irażżan, flimkien ma' dak ta' Akan, meħud mill-Ktieb ta' Ġożwè, u dak ta' Eljodoru, li fuqu jitkellmu l-Kotba tal-Makkabej, Dante jmur isemmilna l-kastig li mess lil Safira u lil żewġha Anania li fuqhom jitkellmu l-Atti ta' l-Appostli:

*Del folle Acan ciascun poi si ricorda,*
*come furò le spoglie, sì che l'ira*
*di Iosuè qui par ch'ancor lo morda.*
*Indi accusiam col marito Safira;*
*lodiamo i calci ch'ebbe Eliodoro.* (Purg. XX 109-113)

Dante u Virġilju jkunu għadhom kemm ħallew waħda mill-erwieħ ta' dan il-"girone", biex jissoktaw triqthom lejn il-wita ta' fuq meta jħossu l-muntanja titriegħed u jisimgħu l-għajta ta' ferħ li għall-ewwel darba nstemgħet fuq il-għar ta' Betlem fit-twelid ta' Ġesù:

*"Gloria in excelsis" tutti "Deo"*
*dicean, per quel ch'io da' vicin compresi,*
*onde intender lo grido si poteo.* (Purg. XX 136-138)

Hija r-ruħ tal-poeta Stazju, kif hi stess tistqarr liż-żewġ poeti, li meħlusa mill-Purgatorju sejra issa tgawdi 'l Alla fis-Sema għal dejjem fost il-ferħ ta' l-anġli u ta' l-erwieħ l-oħra qaddisa.

Qabel Dante mal-poeti l-oħra jħalli dan il-post jisma' l-anġlu bi ħlewwa kbira jkanta "Beati qui esuriunt et sitiunt iustitiam".

Kif jaslu fis-sitt wita, il-poeti jħarsu 'l hawn u 'l hinn qabel jissoktaw triqthom, imbagħad jiġbdu lejn il-lemin. Waqt li jkunu mexjin quddiemhom jilmħu siġra mgħobbija bil-frott, li fuqha nieżel ilma frisk u ċar ħiereġ minn blata. Mis-siġra jisimgħu leħen igħajjat lill-erwieħ biex iħeġġiġhom fil-virtù tat-temperanza li kontra tagħha kienu dinbu fid-dinja billi jfakkarhom kemm kienet kbira din il-virtù f'Marija Verġni:

*"Più pensava Maria onde*
*fosser le nozze orrevoli ed intere,*
*ch'a la sua bocca, ch'or per voi risponde"*
(Purg. XXII 142-144)

u fil-profeta Danjeli li

*dispregiò cibo ed acquistò savere.* (XXII 147)

Sabiħa hija wkoll il-figura tal-Battista fid-desert. Dan il-qaddis kbir ħttex biss li jaqdi l-missjoni tiegħu li kienet dik li jwitti t-triq għall-wasla tal-Mulej:

*Mele e locuste furon le vivande*
*che nodriro il Batista nel diserto;*
*per ch'elli è glorioso e tanto grande*
*quanto per l'Evangelio v'è aperto.* (Purg. XXII 151-154)

Qabel iħalli s-sitt "girone" Dante jersaq lejn siġra oħra minn fejn jisma' leħen li jgħidlu biex ma jersaqx lejha u jsemmilu fost ħwejjeġ oħra lil dawk il-Lhud li fuqhom jitkellmu l-Kotba Mqaddsa:

*ch'al ber si mostrar molli,*
*per che noi volle Gedeon compagni,*
*quando ver Madian discese i colli.* (Purg. XXIV 124-126)

Wara t-tislima ta' l-anġlu, il-poeta jibqa' tiela' 'l fuq u jasal fl-aħħar "girone" tal-Purgatorju flimkien maż-żewġ Poeti ta' Ruma l-qadima. L-erwieħ hawnhekk, billi jkunu dinbu kontra l-virtù tas-safa, huma mġegħlin ikantaw, waqt li għaddejjin f'din il-wita, is-sbuħija ta' din il-virtù billi biex ipattu għal ħtijiethom igħajtu b'leħen għoli l-eżempju qaddis ta' Marija Verġni fil-kelmiet safja li qalet lill-anġlu Gabrijiel kif insibuhom fil-Vanġelu ta' S. Luqa:

*Gridavano alto: "Virum non cognosco".* (Purg. XXV 128)

Min-naħa l-oħra jisma' erwieħ oħra jgħajtu eżempji ta' bnedmin li, bħan-nies ta' Sodoma u Gomorra, ġarrbu l-korla t'Alla għaddnubiet kbar tagħhom kontra l-virtù tas-safa.

Dante jkun sejjer iħalli l-aħħar girone tal-Purgatorju, imma waqt li jisma' anġlu jkanta "Beati mundi corde" jitwerwer għallħsieb li biex jasal fil-quċċata tal-muntanja jeħtieġlu jgħaddi minn ħuġġieġa nar. Virġilju għalhekk jagħmillu l-qalb billi jsemmilu li dak in-nar biss qiegħed issa jifirdu minn Beatrice li lejha Dante jħoss imħabba u qima kbira. Il-poeta minnufih jaqsam dan in-nar qawwi; anġlu ieħor, in-naħa l-oħra tan-nar jinstema' jkanta bl-leħen ħelu:

*"Venite, benedicti Patris mei!"*
*sonò dentro a un lume che li era,*
*tal, che mi vinse e guardar nol potei.*

(Purg. XXVII 58-60)

Il-poeta jsib ruħu fl-aħħar fuq il-quċċata tal-Purgatorju. Filvjaġġ tiegħu qalb l-erwieħ tal-muntanja hu seta' jara b'għajnejh ittbatijiet li fihom huma jinsabu u magħhom jitnaddaf minn dawk ilħtijiet li kienu qegħdin iżommuh 'il bogħod minn Alla. Biex jilħaq sogħba sħiħa ta' dnubietu u jagħmel penitenza, l-Iskrittura Mqaddsa, kif rajna kellha sehem mhux żgħir, għaliex bl-eżempji meħudin minnha l-poeta, kif ukoll l-erwieħ l-oħra tal-Purgatorju, ġie mħeġġeġ biex jitkattar fit-triq tas-sewwa u jaħrab it-triq tal-ħażen. Fuq kollox il-ħajja qaddisa tal-Madonna sservi ta' mudell perfett biex Dante jkun jista' jilħaq dak l-istat tal-grazzja li bih ikun jistħoqqlu jidħol fis-saltna t'Alla.

Fil-quċċata ta' l-għolja fejn Dante jkollu x-xorti li jassisti għallproċessjoni ta' l-għaġeb, xebh tar-rebħa tal-Knisja ta' Kristu, u jiġi maħsul fix-xmajjar tal-Grazzja, insibu mill-ġdid ħafna passi millIskrittura li jsaħħuna fil-ħsieb li Dante kien iħoss imħabba kbira lejn il-kelma t'Alla miktuba u fiha kien jara l-bidu u t-tmiem tarrabta tal-bniedem m'Alla. Is-sbuħija tal-foresta, il-ħdura tal-ħxejjex, l-ilma ġieri, il-ħlewwa ta' l-inħawi li fihom isib ruħu l-poeta nħossuhom iħennuna, l-aktar bil-kant tas-Salmi li juruna l-kobor ta' qalb niedma, it-tama tagħha fil-ħniena t'Alla, il-ġmiel tar-ruħ ħabiba ta' Alla. Aħna wkoll inħossu faraġ meta nisimgħu:

*Beati, quorum tecta sunt peccata.* (Purg. XXIX 3)

Flimkien ma' Dante nifirħu għall-kant mimli tama tas-salm "In te, Domine, speravi", u għall-għajta ta' stedina li jinstema' filproċessjoni misterjuża u li nsibu mniżżla fil-Kantiku tal-Kantiċi: *Veni, Sponsa, de Libano.*

Il-ġmiel u l-ħlewwa li fihom isib ruħu l-poeta tagħna f'din il-ġenna ta' l-art ma jistgħux ma jfakkruhx f'dak li l-bniedem tilef imħabba l-waqgħa fid-dnub ta' Eva:

*Ed una melodia dolce correva*
*per l'aere luminoso; onde buon zelo*
*mi fe' riprender l'ardimento d'Eva,*

*che là dove ubbidia la terra e 'l cielo*
*femmina sola e pur testè formata,*
*non sofferse di star sotto alcun velo.* (Purg. XXIX 22-27)

X'ingħidu, imbagħad, għall-proċessjoni grandjuża li Dante jara tinfirex quddiemu, u li fiha jistħajjel li qegħdin jieħdu sehem il-kittieba sew tat-Testment il-Qadim u sew tat-Testment il-Ġdid? Mhix ħaġa ħafifa li wieħed ifisser fi ftit kliem dak kollu li l-poeta jrid iqegħdilna quddiemna; il-kritiċi ma jaqblux dejjem bejniethom u għal kollox fuq it-tifsira ta' l-aħħar Kanti tal-Purgatorju, imma m'hemmx dubju li fid-dehra kbira li biha tispiċċa t-Tieni Kantika Dante jrid jitkellem lill-istorja tal-Knisja Mqaddsa, imħabbta mill-għedewwa tagħha, kemm-il darba mbikkija minn x'uħud minn uliedha, imma dejjem rebbieħa fuq il-qerq u l-ħażen li bihom tinsab imdawra. Beatrice stess li hawn tidher fil-glorja tagħha mhix ħlief ix-xbieha ta' l-għerf qaddis u bla tarf t'Alla l-Imbierek li wiegħed lill-Knisja tiegħu li kellu jibqa' magħha sa l-aħħar żmenijiet. U f'dawk ix-xjuħ li naraw mexjin quddiem u wara l-karru trijonfali nsibu lil dawk kollha li mnebbhin minn Alla niżżlu l-kelma qaddisa tiegħu biex in-nies ta' kull żmien u ta' kull razza jkollhom — l-aktar fil-Vanġelu — il-kodiċi mhux biss tal-liġi morali li fuqha għandhom jimxu fit-triq li twassalhom għall-ħajja ta' dejjem, imma wkoll il-kodiċi soċjali li jurihom — l-aktar fuq l-eżempju ta' Kristu u tal-Madonna — kif għandhom iġibu ruħhom ma' għajrhom fil-ħajja ta' kuljum.

Għad-dehra ta' Beatrice fuq il-karru Dante jdur imbeżża' fuq Virġilju, imma dan ma jidhirx iżjed; il-missjoni tal-poeta ta' Ruma hija mitmuma.

Imċanfar bil-qawwi minn Beatrice għall-ħtijiet tiegħu imgħoddija, aħmar bil-mistħija u sogħbien għal kull għemil li bih kien tbiegħed mir-rieda t'Alla, Dante jiġi maħsul fix-xmara Lete fost il-kant tas-salm "Asperges me":

*Quando fui presso a la beata riva,*
*"Asperges me" si dolcemente udissi,*
*che nol so rimembrar, non ch'io lo scriva.*

(Purg. XXXI 97-99)

Wara li l-poeta jitlaq wara spallejh dak kollu li bieghdu minn Alla, wara li jixrob l-ilma tal-grazzja mix-xmara Eunoè, issa jħossu mhejji biex flimkien ma' Beatrice jżur is-saltna t'Alla, u jara b'għajnejh il-ġmiel, il-kobor, il-qdusija tas-Sema.